# NIKOLA TAX-XLENDI

FIS-SAJF fil-għaxija nkunu donna ta' l-istorja: erba' bdiewa mitfugħin fl-art. Dun Indri jixxengel fuq pultruna qadima, pipa taċ-ċaqquf b qasba twila twila f'ħalqu, u jiena aktarx b-l-wieqfa. Kulħadd igħid xi waħda; jien kien għadni ġej minn Malta u rrakkontajtilhom kif deheri l-istorja tal -*Mutiny on the Bounty*.

— Dak — qabeż qal Salvu — is-servizz kien jagħmlu bħal Nikola tax-Xlendi, meta kien Bormla.

— Kif, Salv?

— Dan, igħidu, kien darba għassa hemm is-suq ta' Bormla u l-bejjiegħa hemmhekk ma kenux iħalluhom igħajtu; u dan Nikola qallhom biex igħajtu; "Għajtu, għajtu", qalilhom, "u hekk, bla għajjat tbigħ?"

— U mbagħad, Salv?

— Heqq, imbagħad ġie l-ispettur u sab frattarija tad-dimonji. Qallhom, hawn, dan x'inhu? Qalulu: Aħna l-Għawdxi qabbadna ngħajtu. L-ispettur mar fuq Nikola: hawn x'għamilt, Nikol? qallu, da x'taħwid hu? Għaliex sinjur? Mela jien qiegħed hawn għal xejn? Heqq, Nikola jgħidlek: Mela jiena ma nikkmandax ukoll? Hekk ukoll dak il-kaptan; il-ġustizzja tagħtu rotta mnejn igħaddi u hu qabad triq oħra. Heqq, ried jikkmanda hu wkoll.

— Dak Nikola, għandu jkun, għandu praspar, hux, Salv?

— Dak! Dak minn kollox għadda; kien skamplu u banavolja prima klassi.

— Hiss!

— U xħin tgħid għadda minn każijiet tal-mewt. U... kieku tirrakkonta l-praspar tiegħu ma tispiċċa qatt.

— Mismagħhom isemmuh; hu ilu mejjet, Salv, jew?

— Ilu, ħi, ilu; m'ilux sittin sena tgħid. Jiena ma niftakrux.

— Skumnikat kien, Salv, eh?

— Heqq, għax hu kien magħġun hekk; xi sold kellu, taf int: kien jista' jitbellaħ.

— U xħin igħidulek, xħin igħidulek kien għadu qed jitfarfar u ommu biex tbeżżgħu, kellha nkwatru mal-ħajt, qaltlu: Nikol, ara, dak jitkellem; jekk tagħmel xi ħaġa jgħid lil missierek u missierek ipattilek; Nikola skumnikat tela' qattgħu.

— Ma jitkellimx żgur! Skumnikat kien. U hu x-Xlendi kien joqgħod, Salv, jew?

— Kien joqgħod hawn fuq ir-riħ tal-wied. Kellhom dak ir-raba' tal-wied, kienu jeħduh minn għand il-patrijiet imbagħad jerġgħu jqabbluh.

— Mela kienu jagħmluha tajjeb. Kollu kien f'idejhom, Salv?

— Il-biċċa l-kbira. Darba kellhom jaqsmu u kien qasmilhom is-sur Tonin—das-sur Tonin kien periċ. U dan Nikola deherlu li ma kienx qasmilhom sewwa. U das-sur Tonin kellu ġnien hawn fejn San Franġisk, qisu fejn hemm l-isptar il-lum, u dan Nikola qattagħhulu. Frenċ ta' Ċangura kien ħabat tajjeb dak in-nhar.

— Għaliex, Salv?

— Għax imbagħad das-sur Tonin pasar per eżempju li aktarx kien xogħol Nikola, u qabbad lil dan Frenċ igħassislu. U Nikola daħal u wara li qatta' kemm felaħ kien hemm żewġ piieri tal-bir fettillu jwaqqagħhom. U dawk jagħmlu l-ħoss u dan Frenċ qam u qallu jiffirma. U dan Nikola beda jnewwaħ, u Frenċ aħfirli, u Frenċ dan għaliex?, u Frenċ jien iktar mis-sur Tonin nagħtik, u Frenċ tiela' u Frenċ nieżel u kull waħda joqrob lejh u Frenċ skantat bl-ixkubetta f'idu. U dan Nikola xħin rasaq kif deherlu qabeż fuqu u kellu stallett biċċru bih.

— Is-sakristija! Mela kien jiċċajta sabiħ!

— Waqt li kien qiegħed jagħtih, l-ieħor jokrob u jingħi bl-uġigħ u Nikol jagħmillu: Rajtx, jien m'għedtlekx li iktar mis-sur Tonin nagħtik; m'għedtlekx?

— Imbagħad kienx inqabad Salv?

— Inqabad kien; għax ma laħaqx qatlu għal kollox u l-ieħor kixfu.

— Kienx weħel, Salv?

— Ma tantx; għax huma kienu tat-tajjeb u dak iż-żmien, rigali minn hawn, rigali minn hemm; kien weħel xi sitt snin, għamel tlieta.

— Imbagħad meta ħareġ, baqax, Salv?

— U baqa' ngħid. Taf x'qal meta ħareġ? Qal jien dak in-nhar żbaljajt, għax jien ma messnix ħallejtu ħaj lill-Frenċ: messni qtajtlu rasu biex ikun mejjet żgur u mort dendiltha mal-ħabbata tas-Sur Tonin. Biex tara kemm kellu ndiema għax qatlu!

— Dimonju kien; u seta' jitbellaħ għax kien tat-tajjeb.

— U żgur; kellhom dak ir-raba' tax-Xlendi u dak kienu jaqilgħu l-flus minnu. Darba kien hemm Ġanni ta' Borg mar igħallihulhom, Nikola ħaraqlu l-andar.

— U ma jinqabadx, Salv, eh?

— Heqq. Nikola dak in-nhar stess, jew jekk mhux dak inhar 'l għada, akkwista ħuta ftit ħoxna—qisu xi kelb il-baħar—minn għand is-sajjieda tax-Xlendi, għabbiha fuq karrettun u mar jippassiġġa biha u.-triq fejn kien joqgħod dan ta' Borg. U dan kien hemm : hu f'bieb u l-mara f'ieħo.. Ġanni ma qallu xejn, imma mara dejjem.. mara : xħin għadda xi darbtejn minn quddiemhom ma ssaportietx, qaltlu : X'ħuta qbadt, Nikol? Kemm hi kbira. Heqq, qallha Nikola, dan hekk : il-Bambin lit-tajjeb jibagħtlu u lil ħażin jaħraqlu ħwejġu.

— Ġiebitna żewġ. Imbagħad kienx ħadulu r-raba', Salv?

— Ħadulu kien, għax ftit taż-żmien wara ltaqa' miegħu hemm fit-triq tal-Munxar u dan Nikola ndafar miegħu u qallu biex jerġgħu jagħmlu ħbieb; qallu aħfirli ta' li kont għamiltlek; qallu għax issa jien sejjer erbat ijiem il-kusu.santa, jaqbel nagħmlu ħbieb. U ħadu b'id xulxin u għamlu ħbieb. U Nikola qallu: Fuq din nixorbu qatra, u fetaħ il-ħorġa u kellu flixkun inbid jew ma nafx x'kien. tah qatra u lluppjah.

— Hiss!

— Illuppjah kien. U, igħidu, neżżagħlu ħwejġu u naxru fuq ħajt f'salib it-toroq u ħallieh hemm. Naxru ħi; imbagħad hu qagħad jippassiġġa f dawk l-akkwati u jgħajjat lin-nies : Ara l-galantomi kif ikunu; l-ewwel kemm kien hemm inbid ir-Rabat xcrbu, issa ġie juri għerfu hawn. Donna aħna t'hawnhekk m'aħniex nies, noqogħdu għal kollox

— U dak kien pulizija wkoll, xbin, hux? Ma nafx kif nismagħhom igħidu. Dan Feliċ li kien għadu kif ħareġ.

— Iva kien; hu minn kollox għadda. Meta ried jidħol qabbad kemm tfal sab jimbuttaw għal ġewwa l-Banka. Qalulu : hawn x'ġej Nikol? Qallhom : Għax jien ridt nidħol fis-servizz u ġibt lil dawn jimbuttawni għax nismagħhom jgħidu li biex tidħol fis-servizz irid ikollok min jimbuttak.

— Qisu għamel koċċ servizz bħal dak?

— Dak? Darba l-ispettur qallu : Dan kif hekk, Nikol, qatt ma ġġibli xejn int? U Nikola 'l għada ħadlu żewġt iħmir u rabathomlu mal-ħajt tal-Għassa. wieħed kull naħa, jinħru daqs żewġt ixjaten.

— U għandu jkun lanqas kien jaħfirha 'l Kristu.

— U, 'l missieru min jaf kemm ġie li għamillu praspar.

— U x'kien igħidlu, x'kien igħidlu xbin? Insejt bħalissa.

— Kien igħidlu l-imgħallem. Imqar lill-ibgħula; hekk kien igħidilhom. Kellhom żewġt ibgħula kbar; illum ma baqax minnhom. Kienu jkunu jidirsu. Imxu, kien igħidilhom, imxu, għax l-imgħallem iridkom timxu.

— Heqq. l-imgħallem.

— Iwa; darba kienu qed iġorru d-dulliegħ: kellhom hemm qatgħa l-wilġa kienu għamluha dulliegħ; u dari d-dulliegħ kien jagħmel, mhux bħal-lum, kellhom kull dulliegħa daqs qartalla. U xħin wassluh id-dar kien hemm xi żewġ tlaleb marru jitolbuhom xi waħda. U billi kien oħxon missieru ma riedx jagħtihom. U tihom, imgħallem, jagħmillu Nikola: imma l-imgħallem ma riedx. U dan Nikola żarrad il-qafla ta' xkora minnhom u hu u tiela' t-taraġ id-dulliegħ beda jitgerbeb 'l hawn u l-hemm, sar ħram. U Nikola erħilu jgħajjat: Rajtx, imgħallem, ma ridtx ittihom. Ġibniehom mill-wilġa ma nqasmetx waħda u issa dal-pass seħet. Heqq, dawk ħadu dulliegħ imbagħad. Mhux bħal dik it-tallaba.

— X'tallaba hi?

— Għidhielu, xbin.

— Dan darba kien hemm tallaba marret tħabbtilhom il bieb: u ommu qisha ma tatha xejn. U jitfaċċa Nikola mill-bieb talbitha u għajtilha 'l dit-tallaba. Qallha "Ma tagħtek xejn hux dik il-mara? Daqs kemm hi kelba. Ejja 'l hawn ħa nagħtik jien." U daħal ġewwa sieb qroqqa fuq il-bajd—qisha dik l-ewwel ħaġa li ġiet f'idejh—u tahielha. Qallha, "Ha, mur sajjar, mur." Dik telqet: tefgħetha taħt iċ-ċulqana u l qroqqa erħilha tgħajjat. U Nikola tela' fejn ommu. Mà. qaliha, rajt dik il-mara sejra kemm kellha tiġieġa tixbah 'il dik il-qroqqa tagħna. Dik niżlet fil-bitħa u l-qroqqa ma sabithiex. Marret laħqet lil dik il-mara u wara ħafna għajjat ħadithielha. "Rajtha", qallha Nikol, "twaħħal fija li qed neħodlok it-tiġieġ: naqsuk erbgħa waħħalt fija li qed neħodhom u nekolhom mal-ħbieb. "Heqq, emminni Nikola," qaltlu, "jien fik kont waħħalt: aħfirli." "Heqq u inti aħfirli wkoll", qalíha Nikol.

— Kien jeħdilha t-tiġieġ lix-xiħa, eh?

— Kien, ħi. U int aħfirli wkoll, qallha.

— Għandu jkun ix-xjuħ tiegħu kienu fidili, hux?

— Kienu, kienu nies minn dawn l-antiki. Darba qalu 'l missieru li Nikola kien qed imur ir-Rabat jiddeverti divertiment mhux sewwa. U dan missieru beda jagħmillu l-għassa, u darba tela' warajh ir-Rabat. Nikola ttenda—forsix kien qallu xi ħaġa missieru bil-kliem—u kif wasal quddiem Santu Wistin qagħad għar-rkubtejh wara l-bieb tal-knisja, għax xħin kien jitla' hu l-knejjes kienu jkunu għalqu, u beda jgħid ir-rużarju u jħabbat fuq sidru. U beda jdur il-knejjes kolliha jħabbat fuq sidru u jgħid ir-rużarju, jġerri 'l missieru wrajh. Sal-Kabuċċini niżżlu.

— Imma x'dimonju kien fih!

— Missieru niżel lejn ix-Xlendi ,sab il-mara. "Rajt", qallha, mur emminhom in-nies; Nikola r-Rabat jinvista jmur: kemm knejjes kien hemm darhom. Mur emminhom! U aħna għandna qaddis!"

— X'jagħmel!

— Mela ħi, hekk qalliha: U aħna għadna qaddis!

— Issa bħal dak kienx għex ħafna. Salv?

— Kien xiħ meta miet.

— Kienx tbiddel, Salv?

— Kif kien baqa'. Meta kien sa jmut ġibulu l-qassis. "Kif aħna, Nikol?" qallu. "Hawn aħna, Dun Gejt", qallu Nikol. "Għandu jkun did-darba qaleb fuqna." U l-qassis biex jgħidlu xi ħaġa: "X'inti minfuħ, Nikol, donnu għandek l-ilma." U Nikol: "Ilma? Ilma? Dan l-ilma mnejn ġie. Jien ilma qatt ma xrobt. Jien dejjem xorb irqiq xrobt". U dan se jmut bil-qassis miegħu.

— Imma kemm praspar kellu; fihom biex timla ktieb.

— Kellu, u kieku tibda tirrakkonta, ma tispiċċa qatt. Ipaspar kien.

— Aħna mmorru nimteddulu, xbin; jew? Jiena sejjer.

— Immorru, m'għandniex x'nagħmlu hawn.

— Bonsira xbin; bonasira Ton.

— Bonsira.

26-VIII-'45. **Anton Calleja.**